**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 219/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 15 ta' Lulju 2020, fejn ppermetta u pprezenta s-segwenti;

1. Illi huma zzewwgu nhar fil-15 ta' Jannar 1989, il-Belt Valletta, Malta (certifikat tar-registrazzjoni taz-zwieg fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 49/1989, anness u mmarkat Dok. AF);
2. Illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 23 ta' Settembru 2016, fl-ismijiet CB vs AB giet awtorizzata il- procedura tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

3. Illi permezz ta’ digriet moghti mill-Qorti Civili (sezzjoni tal-familja) datat 16 ta’ Marzu 2017, fl-istess ismijiet ossija CB vs AB, giet awtorizzata s-seperazzjoni personali bejn l-imsemmija partijiet permezz ta’ kuntratt pubbliku u sseperaw legalment permezz ta’ kuntratt redatt min-Nutar Dr. Christine Abela, fit- 28 ta’ Marzu 2017 (kopja annessa u mmarkata Dok .AF 1);
4. Illi permezz tal-istess kuntratt redatt minn Dr. Christine Abela tat- 28 ta’ Marzu 2017, kien gie ddikjarat a skans ta’ ekwivoci bejn il-partijiet, ir-ragel, ossija, AB, kien diga vvaka mill-fond gja’ matrimonjali b’ effett mil- 1 ta’ Gunju tas-sena 2016;
5. Illi ghalhekk, il-partijiet ilhom aktar minn 4 snin mid-data tas-seperazzjoni de facto u mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu seperatament minn xulxin, u ma hemm l-ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi, ghal-hall taz-zwieg u ghal divorzju tal-partijiet;

Ghaldaqstant, l-esponent AB bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li iz-zwieg tieghu mal-intimata CB , bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant , lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina Onorabbli Qorti, javza lil Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan ikun registrat fir-registru Pubbliku skont il-Ligi, u dan taht dawn il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 23 ta' Settembru 2020, dehret il-konvenuta li ddikjarat li ma ghandix oggezzjoni ghat-talba ta' AB.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li r-rekwiziti tal-ligi ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**